MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 9 ta’ Settembru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**vs**

**Philip Micallef**
**(ID: 248667M)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Philip Micallef** talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-8 ta’ Settembru 2017, f’85, Orkidea, Triq Leli Falzon, Naxxar u/jew f’bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer:

1. Hebb ghal martu Michaela Micallef ID: 248667(M) u kkagunalha offiza ta’ natura hafifa skont kif iccertifikata minn Dr. Maria Deguara M.D. Reg No. 3680 tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

2. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b’mod iehor lil martu Michaela Micallef ID: 248667 (M) u/jew persuni ohra.

3. Hebb ghal Michaela Micallef ID: 248667 (M) sabiex jingurjaha, iddejjaqha jew jaghmlilha hsara b'xi mod.

4. Bil-hsieb li jkisser jew li jhassar il-gieh ta' martu Michaela Micallef ID: 248667(M), weggaghha bi kliem, gesti, kitba jew b'disinji jew b'xi mod iehor.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` tal-vittmi skont it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuni offiza jew individwi ohra skont it-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, liema reati gew kommessi f'ambitu domestiku. Hadet ukoll in konsiderazzjoni l-koperazzjoni mal-Pulizija u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 221 (1), 252 (1), 339 (d) u 339 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Philip Micallef** hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu (bit-tieni u t-

tielet imputazzjoni komprizi fl-ewwel u fir-raba' imputazzjoni rispettivament) u tikkundannah ghal **erba' (4) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn (2) mil-lum.**

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju, ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn.

In oltre l-Qorti qieghda tohrog fil-konfront tal-hati Philip Micallef **Ordni ta' Protezzjoni** a favur Michaela Micallef ghal zmien sentejn mil-lum u dan skond il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza li jifforma parti integrali minnha.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur